***Worksheet* S6.1.1**
Nagħmlu differenza bejn Q.K. u W.K. biex nifhmu meta ġew l-ewwel nies f'Malta. Naraw ukoll għaliex bdew jgħixu hawn.

**A: Kevin u Sandra jistħarrġu MIXJET IŻ-ŻMIEN.** (*kitba ta' Leonard Grech*)

**Aqra u wieġeb.**





Aħna tewmin u għandna ħdax-il sena. Il-ġenituri tagħna għandhom xi ħamsa u tletin sena. Ftit 'il bogħod mid-dar tagħna joqogħdu n-nanna u n-nannu. Dawn kemxejn xjuħ imma għadhom b'saħħithom mhux ħażin. Fl-istess dar man-nanna u n-nannu joqgħod il-bużnannu. Dan xiħ ħafna għax għandu sitta u tmenin sena. Iżda hu dejjem jgħid: "Sitta u tmenin sena mhumiex ħafna. Ommi mietet meta kienet se tagħlaq mija."

Darba waħda l-bużnannu qalilna: "Immaġinaw li qed taraw lil Ġesù bħalma qed taraw lili. Xi kemm taħsbu li għandu żmien?"

Jiena, Kevin, kont se nitħawwad, iżda Sandra malajr qalet: "Il-Milied ifakkarna fit-twelid ta' Ġesù. Ma' kull Milied tiġi sena ġdida. Kieku nista' nara lil Ġesù bħalma qed nara lilek, kieku għandu mal-elfejn sena."

Il-bużnannu kien pront wieġeb: "Qed taraw kemm għadni żgħir jien, għad lanqas għandi mitt sena."

Għandu raġun il-bużnannu għax anki l-għalliem hekk qalilna. Ġesù ilu ħafna snin li twieled, iżda kemm kien hawn nies, bħal Mosè, li twieldu ħafna qabel Ġesù!"

**Mela min jaf kemm jidhru xjuħ kieku l-ewwel bnedmin li ġew Malta kienu għadhom ħajjin! Dawn ġew qabel Ġesù u ħafna qabel Mosè.**

1. Min twieled l-ewwel, Ġesù jew Mosè? ______________________________

2. Meta ġew l-ewwel nies f'Malta, qabel twieled Ġesù jew wara li twieled Ġesù?

   ______________________________

3. Is-snin ta' qabel twieled Ġesù nirreferu għalihom bħala Q. _____ . Is-snin ta' wara li twieled Ġesù nirreferu għalihom bħala _____.K.

4. Semmi raġel jew tifel li għex qabel Kristu: ______________________________

5. Semmi mara jew tifla li għexet wara Kristu: ______________________________

**B: Kevin u Sandra jiskopru L-EWWEL NIES F'MALTA.**

**Aqra u wieġeb.**



Kevin: Ara x'hawn miktub Sandra!

Sandra: X'hemm miktub Kevin?

Kevin: Hawn miktub li l-ewwel nies li ġew Malta kienu bnedmin bħalna, jixbhu lilna u mhux lix-xadini.

**Ftakar dawn il-punti dwar l-ewwel nies li ġew Malta**:

- Kienu nisa, irġiel, tfal u trabi li kienu jixbhu lilna.
- Kienu intelligenti bħalna.
- Kienu jidħku, jibku, daqqa ferħanin u drabi oħra bin-nervi.
- It-tfal kienu jilagħbu u l-kbar kienu jaħdmu.
- Ġew minn Sqallija fuq xi ċattra jew dgħajsa.
- Kienu baħħara tajbin.
- Kienu jitkellmu imma ma nafux b'liema lingwa.

- Ma kinux jafu jiktbu u għalhekk żmienhom insejħulu Żmien il-Preistorja.
- Ma kinux jafu li jeżistu l-metalli bħal-landa, ir-ram, il-ħadid u oħrajn.
- L-għodda ta' dawn in-nies kienet magħmula mill-ġebel u għalhekk insejħulhom nies ta' Żmien il-Ħaġar.

Kevin: Allura, dawn in-nies ma kinux jafu li jeżisti l-injam?

Sandra: Dażgur li kellhom injam. Dan jiġi mis-siġar. L-injam kien importanti ħafna għal dawn in-nies ta' qabilna.

1. L-ewwel nies ġew f'Malta minn Sqallija. Kif setgħu jkunu jafu li teżisti Malta?

______________________________________________

______________________________________________

2. Semmi raġunijiet għala l-injam kien meħtieġ għal dawn l-ewwel nies f'Malta.

______________________________________________

______________________________________________

3. X'tip ta' għodda taħseb li kienu jużaw dawn in-nies?

______________________________________________

______________________________________________

4. Minbarra għodod kellhom ukoll armi. X'użu kellhom l-armi għal dawn in-nies?

______________________________________________

______________________________________________

5. X'tip ta' armi taħseb li kienu jużaw?

______________________________________________

______________________________________________

6. Pinġi għodda u arma li kienu jużaw.

7. **Ngħixu l-passat mill-ġdid**: Immaġina li inti u l-familja tiegħek tgħixu fi Sqallija fi żmien il-preistorja u ddeċidejtu li tiġu tgħixu Malta. Għada se tibdew il-vjaġġ. Ikteb djalogu flimkien ma' sħabek tal-klassi sabiex tagħmlu reċta qasira. Qassmu l-partijiet bejnietkom (missier, omm, tifla, tifel, eċċ..). Tistgħu titkellmu bejnietkom dwar:

- għaliex se tivjaġġaw
- it-temp
- il-perikli fuq il-baħar
- x'se tieħdu magħkom
- x'se ssibu f'Malta.